

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' April 2010

dwar is-sħubija tal-Kummissjoni Ewropea fis-Sħubija Globali tal-Bijoenerġija

(2010/222/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ddikjarat, bħala miri fis-settur tal-enerġija, li żżid is-sigurtà tal-provvista u tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tal-enerġija tagħha billi żżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Il-bijoenerġija tiffurma parti importanti mill-istrategġija tal-enerġija rinnovabbli. L-Unjoni timmira li jkollha produzzjoni sostenibbli tal-bijomassa u adottat kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijofjuwils u l-bijolikwidi.
- (2) Fil-kuntest tal-kooperazzjoni tagħha mal-imsieħba internazzjonali, inklużi l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, il-Kummissjoni qiegħda timpenja ruħha b'mod attiv fi djalogi fil-qasam tal-enerġija u forum oħra ta' kooperazzjoni rigward kwistjonijiet tal-enerġija. Il-benefiċċji tal-bijoenerġija jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom biss jekk il-pajjiżi l-oħra jmexxu wkoll l-istrategġiji tal-bijoenerġija u jimplimentawhom b'mod sostenibbli. Ir-realizzazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija sostenibbli tista' tiġi aċċelerata b'mod sinifikanti permezz ta' oqfsa internazzjonali xierqa.
- (3) Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2005, tal-G8 fi Gleneagles, il-G8 approvaw it-tnedija ta' Sħubija Globali tal-Bijoenerġija sabiex jappoġġaw mobilizzazzjoni ta' bijomassa u bijofjuwils, li tkun aktar wiesgħa u effettiva mil-lat ta' spejjeż, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Is-Sħubija Globali tal-Bijoenerġija tat bidu għal gruppi ta' ħidma dwar metodoloġiji tal-gassijiet serra u dwar is-sostenibbiltà bil-għan li tippromwovi l-bijoenerġija b'mod sostenibbli.
- (4) Il-President tas-Sħubija Globali tal-Bijoenerġija kiteb lill-President Barroso fit-12 ta' April 2007 fejn stieden lill-Kummissjoni tingħaqad mas-Sħubija Globali tal-Bijoenerġija u din l-istedina reġa' għamilha wkoll wara.
- (5) Il-Kummissjoni, permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fis-Sħubija Globali tal-Bijoenerġija, se tkun fqagħda aħjar sabiex tikkoordina l-attivitatijiet internazzjonali tagħha rilevanti rigward il-bijoenerġija u kwistjonijiet ta' sostenibbiltà relatati.
- (6) Is-Sħubija Globali tal-Bijoenerġija tiddependi mill-kontribuzzjonijiet tal-membri. Tali kontribuzzjonijiet isiru fuq bażi volontarja u d-deċiżjoni rigward il-parteċipazzjoni ma torbotx lill-Kummissjoni b'kontribuzzjonijiet finanzjarji għal baġits komuni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsemmija "l-Kummissjoni") għandha tipparteċipa bħala msieħba fis-Sħubija Globali tal-Bijoenerġija.

Artikolu 2

Il-Kummissarju għall-Enerġija, jew ir-rappreżentant innominat tiegħu, huwa awtorizzat jiffirma t-Termini ta' referenza għas-Sħubija Globali tal-Bijoenerġija fisem il-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membru tal-Kummissjoni